MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2013

Avviz Numru. 217/2013

**Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru: 1489/2013 fl-ismijiet:**

**Mark Anthony Tabone**

**Vs**

**Integrated Business Systems Ltd**

## DIGRIET

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Integrated Business Systems Ltd fejn talbet ir-revoka tal-Mandat Ezekuttiv 1489/2013 ai termini ta' l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Lulju, 2013 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat b'ghaxart ijiem (10) zmien

ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 t'Awwissu, 2013.

Rat li fis-seduta tat-23 t'Awwissu, 2013 deher biss Dottor Jonathan Thompson ghas-socjeta' rikorrenti u li l-intimat Mark Anthony Tabone msejjah tlett darbiet baqa' ma' deherx u lanqas ipprezenta risposta ghar-rikors.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni ta' Dottor Thompson.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-Mandat Ezekuttiv fuq imsemmi ghaliex it-titolu ezekuttiv illi fuqu hu bbazat ir-rikors ghall-hrug ta' dan il-mandat huwa l-ittra ufficjali numru 6406/2009 taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta reza ezekuttiva fl-4 ta' Gunju, 2013. Din l-ittra ufficjali ntbghatet lis-socjeta' rikorrenti mis-socjeta' Banju Boutique Ltd (C16354) u mhux mill-intimat sekwestrat Mark Anthony Tabone. Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti qieghda tissottometti li l-intimat Mark Anthony Tabone m'ghandu l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti a bazi tal-imsemmija ittra ufficjali. Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti qed tissottometti illi l-att ezekuttiv inhareg fuq premessa zbaljata.

Illi mill-atti fil-fatt jirrizulta li l-ittra uffijcali taht l-Artikolu 166A li a bazi taghha gie milqugh il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq imsemmi, intbghatet mis-socjeta' Banju Boutique Ltd, fil-waqt li l-hrug tal-mandat ezekuttiv in kwistjoni intalab mill-intimat Mark Anthony Tabone. Konsegwentement jirrizulta li l-mandat ezekuttiv inhareg fuq premessa zbaljata stante li l-intimat Mark Anthony Tabone jirrizulta li ghandu l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 1489/13 fl-

ismijiet ‘Mark Anthony Tabone vs Integrated Business Systems Ltd’, bl-ispejjez kontra l-intimat sekwestrant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------